TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 182/22/F

**Darren Stafrace**

**vs**

**Recowatt Co. Ltd.**

Illum, 23 ta' Ottubru 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-2 ta' Diċembru 2022;

Ra li l-azjenda intimata ma ppreżentatx Risposta minkejja li ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba nhar it-23 ta' Diċembru 2022;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati mill-partijiet;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi r-Rikorrent qed jitlob li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' mitejn u tmenin Euro (€280) rappreżentanti dak li huwa jiddeskrivi fix-xhieda tiegħu bħala ammont li "wasalt għalih jien u jirrappreżenta l-ammont fis-siegħa li jiswew is-servizzi ta' Inġinier li kien kapaċi jaħdem fuq is-sistemi SMA" kif kwotat mill-azjenda intimta nnifisha f'korrispondenza eżebita in atti.

Illi l-ilment tar-Rikorrent huwa essenzjament li f'Diċembru 2021, is-sistema fotovoltajika tad-ditta SMA li kien xtara mingħand l-azjenda intimata tilfet il-*WiFi connectivity*, jiġifieri fi kliem sempliċi, ma setax aktar jikkollega mal-*inverter* tas-

sistema tramite l-*application* fuq il-mobajl tiegħu. Jgħid li huwa xtara s-sitema fotovoltajika in kwistjoni f'Novembru u din kinet koperta b'garanzija kummerċjali ta' 5 snin, liema garanzija kinet tkopti l-partijiet kollha inkluż l-*inverter*. Is-sistema kienet ġiet ikkummissjonata fit-23 ta' Novembru 2016. Ir-Rikorrent bagħat jinforma lill-azjenda intimata l-ewwel darba fl-25 ta' Marzu 2022. Jinsisti li minkejja li kien skorra l-perjodu ta' ħames snin garanzija, l-azjenda intimata għandha tkopri l-ispiża biex tiġi ripristinata l-konnessjoni mal-*WiFi*.

Illi minkejja li ma ppreżentatx Risposta, John Ciantar, rappreżentant tal-azjenda intimata kien preżenti għas-seduti u ressaq ix-xhieda tiegħu bil-ġurament. Huwa sostna li l-ilment tar-Rikorrent huwa infondat u l-ispejjeż tat-tiswija għandhom jiġu koperti minnu għax mhux talli il-perjodu ta' 5 snin garanzija fuq l-*inverter* tas-sistema kien skorra, iżda skont hu, il-*WiFi module* ma kienx parti integrali mis-sistema imma biss *optional plug-in* u għalhekk, il-garanzija fuqhu kienet awtonoma minn dik fuq is-sistema vera u proprja. Ġiet ippreżentata dokumentazzjoni uffiċjali tal-manifattur SMA Solar Technology AG li tikkonferma li l-garanzija fuq dan l-element, li l-isem proprja tiegħu huwa "SMA Webconnect" hija fil-fatt ta' sentejn.

Illi jirriżulta ċar mill-provi miġjuba quddiem it-Tribunal li l-SMA Webconnect kienet koperta b'garanzija ta' sentejn u fi kwalunkwe każ, fejn ma hemmx garanzija kummerċjali speċifika li tistabilixxi perjodu akbar, l-Artikolu 78 tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li "il-bejjiegħ għandu jkun responsabbli lejn il-konsumatur għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità eżistenti mal-konsenja tal-oġġetti u li jimmanifesta ruħu fi żmien sentejn minn dakinhar [...]";

Illi jirriżulta ċar ukoll mill-atti li l-ewwel darba li r-Rikorrent ressaq l-ilment in eżami lill-azjenda intimata kien permezz ta' korrispondenza mibgħuta fl-24 ta' Marzu 2022, aktar minn 3 snin wara li kien skorra l-perjodu ta' garanzija.

Illi jsegwi għalhekk mingħajr l-iċken dubju li l-azzjoni tar-Rikorrent ġiet promossa *fuori termine*.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jiddikjara li l-azzjoni tar-Rikorrent ġiet promossa *fuori termine* u għalhekk, jiċħadha.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tar-Rikorrent.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***